# Ġ 5.1 IT-TURIŻMU




**Ġ5.1**

Turiżmu: Noti u informazzjoni dwar dan is-settur.

Riċerka ta' Etienne Vella – Għajnsielem.

Il-kelma '**turiżmu**' ġejja mill-kelma turisti. Turisti huma dawk in-nies minn pajjiżi differenti tad-dinja li jiġu jżuru l-gżejjer tagħna.

**Għaliex it-turisti jiġu Malta?**

Dawn jagħmluh biex:

- Igawdu l-klima sħuna li forsi hija kiesħa ħafna f'pajjiżhom
- Igawdu l-baħar nadif
- Iżuru postijiet storiċi (Ħaġar Qim, Imdina, Imnajdra)
- Jiddevertu f'restoranti, clubs, pubs u discos.
- Jitgħallmu l-lingwa Ingliża
- Jiprattikaw xi sport bħal 'scuba diving', windsurfing, water skiing, ibburdjar (sailing)
- Minħabba xi konferenzi ta' għaqdiet.

Il-klima ta' Malta tħajjar lit-turisti jiġu Malta. Fis-sajf tkun sħuna però fix-xitwa ma tkunx kiesħa esaġerata.



## Fejn jmorru joqogħdu t-turisti f'Malta?

F'Malta nsibu **ċentri turistiċi**. Dawn huma postijiet fejn insibu l-aktar turisti għax hemm numru kbir ta' lukandi, flats, restoranti u ħwienet.

**Iċ-ċentri turistiċi f'Malta huma:**

- Buġibba
- Il-Qawra
- Tas-Sliema
- San Ġiljan
- Paceville.

**Iċ-ċentri turistiċi f'Għawdex huma:**

- Marsalforn
- Xlendi

F'ċentru turistiċi insibu ħafna lukandi ta' 2, 3, 4, jew 5 stilel, flimkien ma postijiet ta' divertiment, ħwienet tas-souvenirs, restoranti u ġonna għal ħinijiet ta' mistrieħ.

### It-turisti jħobbu jżuru il-postijiet storiċi

- Ħaġar Qim
- L-Imdina
- Il-Belt Valletta
- L-Imnajdra
- Għar Dalam
- Il-Ġgantija
- Iċ-Ċittadella

I.T.S (*Institute of Tourism Studies*) hi skola li fiha jitgħallmu nies li jridu jsibu xogħol fit-turiżmu. Isiru korsijiet għall-wejters, mejds u koki. Jgħallmuhom ukoll lingwi barranin. Jagħmlu korsijiet għall-gwidi, biex imexxu *tours* għat-turisti.

**Il-biċċa l-kbira tat-turisti jiġu bl-ajru** (il-kumpanjia tal-arju ta' Malta hija *Air Malta*), iżda n-numru ta' dawk li jiġu fuq xi *cruise liner* qed jiżdied kull sena.

Dawn il-vapuri jidħlu fil-Port il-Kbir. Ħafna drabi dawk li jiġu bil-cruise liners idumu biss ġurnata mentri dawk li jiġu bl-ajruplan idumu bejn ġimgħa u ħmistax-il ġurnata.

**Meta jiġu Malta t-turisti jinnotaw** il-bini ta' djarna, l-artiġjanat fil-ġebel, injam, deheb u fidda u l-bizzilla li jinħadmu bl-idejn b'tant sengħa u paċenzja.

**Liema huma dawk ix-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mat-turiżmu?**

- Gwidi – idawruhom f'postijiet storiċi
- Wejters
- Mejds – inaddfu l-kmamar f'lukandi
- Kokijiet f'lukandi u restoranti
- Xufiera tat-taxis u karozzi tal-linja
- Sidien tal-ħwienet tas-souvenirs
- Nies li jaħdmu fl-ajruport
- Sidien tal-ħwienet, restoranti, bars
- Sidien tal-karozzi tal-kiri



**Għaliex it-turisti huma importanti għalina l-Maltin?**

- Dawn jiġu u jonfqu ħafna flus hawn Malta. B'hekk ikabbru l-ekonomija (flus) tal-pajjiż.
- Permezz tat-turisti ikollna aktar xogħol u hekk il-ħaddiema Maltin jaqalgħu l-flus għall-familja tagħhom.
- Permezz tat-turisti nitgħallmu aktar fuq il-kulturi u drawwiet differenti ta' pajjiżi madwar id-dinja.

